**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2019**

**Rikors Numru : 302/2012 JPG**

**Kawza Numru : 1**

**Rite-Mix (Gatt Bros.) Ltd**

**(Reg. C-2821)**

**Vs**

**Johann Sammut**

**(I.D 225975[M])**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta Rite-Mix (Gatt Bros.) Ltd bin-numru ta' registrazzjoni C-2821, datat 22 ta' Marzu, 2012, fol 1 et seqq, li jaqra hekk:

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu George Gatt detentur tal-karta tal-identita' numru I.D. 322841(M), kif debitament awtorizzat, jikkonferma:*

1. *Illi s-socjeta' rikorrenti kellha l-hsieb u l-intenzjoni illi tibda tinnegozja fil-Libja, u dan billi tippartecipoa f'kuntratti relatati ma' xogholijiet ta' Roads and Bridges Construction;*

2. *Illi sabiex tkun tista' tinnegozja, tikkonkludi u twettaq tali kuntratti fil-Libja, s-socjeta' rikorrenti dahlet fi ftehim ma' l-intimat Johann Sammut, liema ftehim huwa datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010), (ajtar l-isfel imsejjah "il-**Ftehim**", u li kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala "Dok A");*

3. *Illi permezz tal-Ftehim is-socjeta rikorrenti, awtorizzat lill-intimat, li daparti tieghu accetta u obbliga ruhu li jirregistra kumpanija f'isem is-socjeta' rikorrenti gewwa l-Libja u dan skond it-termini u kundizzjonijiet stipulati fl-istess Ftehim;*

4. *Illi permezz tal-Ftehim l-intimat obbliga ruhu, inter alia, li jikkonkludi dan il-process ta' registrazzjoni skond il-ligijiet u r-regolamenti Libjani, f'perjodu ta'* ***mhux iktar minn disa' (9) gimghat mid-data tal-istess ftehim****;*

5. *Illi fl-istess ftehim is-socjeta' rikorrenti accettat illi thallas lill-intimat is-somma ta' erbatax il-elf euro (€14,000) 'for the cost of registration of said company and to cover all other expenses incurred by Mr Johan Sammut', liema somma thallset kontestwalment ma' l-iffirmar tal-istess ftehim u dan kif jirrizulta mill-kopja tac-cekk relattiv illi qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala "Dok. B", kif ukoll mill-ahhar paragrafu tal-Ftehim fejn gie dikjarat illi:*

   *"By Virtue of this Agreement,* ***Ritemix Gatt Bros Ltd*** *are today paying* ***Mr Johann Sammut*** *the said sum of fourteen thousand euros (€14,000)."*

6. *Illi permezz ta' korrispondenza elettronika mibghuta lill-intimat fit-tnax (12) ta' Ottubru, elfejn u ghaxra (2010), (kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata "Dok C") George Gatt ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti gibed l-attenzjoni ta' l-intimat ghall-fatt illi kienu skadew seba' gimghat mid-data ta' Ftehim u li ghalhekk, skond il-Ftehim, kien ghad fadallu gimghatejn sabiex iwettaq l-obbligi tieghu li* ***jiffinalizza*** *r-registrazzjoni ta' kumpanija fil-Libja ghan-nom ta' l-istess socjeta' rikorrenti;*

7. *Illi l-intimat irrisponda permezz ta' email mibghuta fl-istess gurnata,*

*senjatament fit-12 ta' Ottubru, 2010, (kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata "Dok D") li fiha ikkonferma illi huwa kien konsapevoli dwar il-kundizzjonijiet tal-Ftehim u illi hu kien qieghed jiehu l-passi necessarji ghal dan il-ghan. Permezz ta' din il-korripondenza l-intimat taha rendikont fil-qosor ta' dak illi kien sar, b'dan illi huwa gharraf lis-socjeta' rikorrenti li kienet ser tinbeda r-registrazzjoni finali u kien ser izomm lill-istess socjeta' rikorrenti infurmata bl-izviluppi relattivi;*

8. *Illi permezz ta' posta elettronika ohra mibhguta fl-ewwel (1) ta' Novembru, elfejn u ghaxra (2010), (kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata "Dok E"), George Gatt ghan-nom tas-socjeta' riikorrenti gharraf lill-intimat illi ghalkemm id-disa' (9) gimghat pattwiti ghat-twettiq tal-Ftehim kienu skadew ir-registrazzjoni relattiva kienet ghada ma gietx finalizzata, u b'hekk kien hemm ksur tal-Ftehim. Fl-istess korrispondenza gie mitlub illi l-intimat jirrimedja l-istess ksur tal-Ftehim sas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru, elfejn u ghaxra (2010), u f'kaz illi jonqos milli jaghmel dan, irodd lura lis-socjeta rikorrenti l-erbatax-il elf euro (€14,000), b'dan illi f'dak l-istadju s-socjeta rikorrenti kienet anke lesta li taccetta, purament di bonagrazzja taghha, li mill-ammont imsemmi u dovut lilha jitnaqqsu l-infiq ta' l-intimat ghall-ivvjaggar u l-akkomodazzjoni, kif ukoll l-elf u dinar Libjan (LD 1000) li thallsu ghar-registrazzjoni ma' 'National Holding Company' tal-Libja, kif ser jigi debitament spjegat fil-mori tal-proceduri odjerni.*

9. *Illi permezz ta' ittra datata sittax (16) ta' Novembru, elfejn u ghaxra (2010), (kopja ta' liema qieghda tigi annesa u mmarkata "Dok F"), George Gatt ghan-nom tas-socjeta rikorrenti rega gibed l-attenzjoni ta' l-intimat ghall-Ftehim kif ukoll ghall-estensjoni li, di bonagrazzja tieghu, kien tah sabiex jottempra ruhu ma' l-istess, b'dan illi permezz ta' din l-ittra l-intimat gie mgharraf illi jekk ir-registrazzjoni ma kienetx ser tigi konkluza sa nhar il-Gimgha 26 ta' Novembru 2010, l-intimat kellu jirritorna l-flus lura minghajr dewmien, "oltre li jittiehdu l-passi kollha mehtiega" sabiex jigu protetti l-interessi tas-socjeta' rikorrenti;*

10. *Illi minkejja li s-socjeta' rikorrenti gibdet l-attenzjoni ta' l-intimat diversi drabi, kif suespost, bl-ghan illi huwa jikkonkludi r-registrazzjoni fiz-zmien*

*pattwit u ai termini tal-Ftehim l-istess intimat baqa' inadempjenti;*

11. *Illi permezz ta' ittra ufficjali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru, elfejn u ghaxra (2010), (kopja ta' liema qiegha tigi annessa u mmarktat "Dok G") s-socjeta rikorrenti iddifidat formalment lill-intimat milli jirraprezenta jew b'xi mod jittenta jorbot lis-socjeta rikorrenti versu terzi, filwaqt illi interpellatu sabiex jirtira kwalsiasi rapprezentazzjonijiet li seta' ghamel ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti wara t-tletin (30) ta' Ottubru elfejn u ghaxra (2010), senjatament il-gurnata li fiha skada l-perijodu ta' disgha (9) gimghat pattwit fil-ftehim, u zammitu unikament u personalment responsabbli ghal kwalsiasi rapprezentazzjonijiet li seta' ghamel wara l-istess gurnata, b'dan illi ulterjorment gharrfet lill-istess intimat illi hija kienet qieghda tqis il-ftehim terminat ipso facto;*

12. *Illi permezz ta' l-imsemmija ittra ufficjali gie interpellat sabiex jirrifondi lura s-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) lis-socjeta rikorrenti u kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali fuq l-istess somma b'effett mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awwissu, elfejn u ghaxra (2010).*

13. *Illi minkejja n-numeruzi interpellazjonijiet, inkluz il-protest gudizzjarju pprezentat nhar it-tmintax (18) ta' Lulju, elfejn u hdax (2011) (kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata "Dok H"), l-intimat baqa' inadempjenti, u konsegwenza ta' din l-inadempjenza is-socjeta' rikorrenti soffriet dannu sostanzjali billi tilfet diversi opportunitajiet ta' xoghol fil-Libja* ***u dan kif ser jirrizulta ampljament fil-mori tal-proceduri odjerni.***

*13.Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant jghid l-intimat ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex ghar-ragunijiet suesposti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat kiser il-ftehim ffirmat bejnu u bejn is-socjeta rikorrenti u datat (28) ta' elfejn u ghaxra (2010) u dan billi naqas milli jwettaq l-obbligi assunti minnu ai termini ta' l-istess ftehim;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa unikament u personalment responsabbli ghal kwalunkwe rapprezentazzjonijiet li huwa seta' ghamel ma' terzi ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti wara t-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), li hija l-gurnata li fiha l-istess intimat tilef l-awtorizzazzjoni necessarja sabiex jirraprezenta lill-istess socjeta' rikorrenti;*

3. *Tiddikjara s-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) mhallsa mis-socjeta' rikorrenti lill-intimat fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu, elfejn u ghaxra (2010), flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-hlas relattiv, bhala dovuti mill-intimat lis-socjeta' rikorrenti;*

4. *Tordna lill-intimat jirrifondi lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) flimkien mal-imghaxijiet legali;*

5. *Tiddikjara li minhabba l-inadempjenza u n-nuqqas ta' l-intimat li jaderixxi mal-ftehim milhuq bejn il-partijiet, is-socjeta' rikorrenti garrbet Danni konsistenti t'elf ta' xoghol, telf ta' qligh u danni ohra konsegwenzjali;*

6. *Tillikwida, jekk mehtieg nil-hatra ta' periti nominandi, d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti rizultat ta' dan l-agir da parti ta' l-intimat;*

7. *Tikkundanna lill-intimat ihallas li-soscjeta' rikorrenti d-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti, u dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru 2010 u tal-protest gudizzjarju tat- 18 ta' Lulju 2011 u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Awwissu, 2010 kontra l-intimat, li hum inn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Johann Sammut, datata 26 ta' April, 2012, a fol 22 et seqq, li taqra hekk:

1. *Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma huwa responsabbli ghal ebda allegat ksur tal-ftehim datat 28 ta' Awwissu 2010*

*u dana kif ser ahjar jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

2. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-tieni talba attrici hija mhux biss infondata fil-fatt u fid-dritt izda hija wkoll kontradetta mill-istess socjeta' attrici meta fl-istess rikors guramentat taghha iddikjarat u kkonfermat bid-dokumenti esebiti mieghu, li l-istess socjeta' attrici kienet estendiet it-terminu tal-ftehim de quo sas-26 ta' Novembru 2010 filwaqt li skont l-email esebita bhala "Dok. E" ma' l-istess guramentat, it-terminu gie estiz sas-27 ta' Novembru 2010.*

3. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, inkwantu jirrigwarda it-tielet u r-raba' talba dawn huma wkoll fi kwalunkwe kaz infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-ebda ammont ma hu dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici.*

4. *Illi sussidjarjament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, b'mod partikolari ghall-eccezzjoni precedenti, it-tielet u r-raba' talbiet attrici huma fi kwalsijasi kaz nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li:*

    i. *Mill-ammont ta' erbatax-il elf euro (€14,000) ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez inkorsi mill-konvenut kif ukoll l-ammont ta' elf dinar Libjan (LD1,000).*

    ii. *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut hallas l-ammont ta' disat elef euro (€9,000) lill-awtoritajiet Libjani inkonnessjoni mal-procedura ta' registrar tal-kumpannija oggett tal-ftehim de quo.*

    iii. *Illi dejjem minghajr pregudizzju, fi kwalunkwe kaz it-talba ghall-imghax hija wkoll insostenibbli stante li kwalsijasi imghax li jista' jkun dovut huwa semmai dovut minn jumejn wara n-notifika ta' l-ewwel ittra ufficjali u cjoe' dik datata 26 ta' Novembru 2010. "Dok.G" – u dana skont l-istess ittra ufficjali – jew inkella zgur mhux qabel id-data ta' meta l-ftehim de quo effettivament gie terminat.*

5. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-hames, sitt u seba' talbiet attrici huma lkoll nfondati fil-fatt u ghandhom wkoll jigu michuda*

*bl-ispejjez.*

6. *Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta' attrici ghandha fi kwalsiasi kaz tipprova l-allegati Danni minnha sofferti.*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**George Gatt,** Chairman tas-socjeta rikorrenti, xehed a fol 40 *et seqq* illi huwa ilu jaf lill-intimat xi erba' snin, u li l-intimat kien qallu li kien kapaci jirregistra kumpanija fil-Libja, u li ghall-prezz ta' €13,000 kien jirregistralu kumpanija fil-Libja fi zmien tliet gimghat. Qal illi pero wara li ghaddew disa' gimghat, din il-kumpanija kienet ghada ma gietx irregistrata, u ghalhekk kien anke tah estenzjoni ta' xi ftit gimghat, izda din il-kumpanija xorta baqghat ma gietx irregistrata, u l-intimat la kien tah raguni ghal dan u lanqas ma kien irrifonda lis-socjeta rikorrenti tal-flus li kienet hallsitu.

**In kontro-ezami** a fol 43 *et seqq* xehed illi l-awtorita li kien ta lill-intimata kien waqqafha wara s-27 ta' Settembru, u cioe meta kienu skadew it-tlettax -il gurnata li kienu gew koncessi lill-istess intimat. Ikkonferma li qabel ma nghatat din l-awtorita, hu, l-intimat u xi nies ohra kienu marru l-Libja sabiex jaraw isibux xi xoghol li jista' jaghmel. Innega li kienu marru ghaliex l-intimat kien qallu li seta' jlaqqu' ma' iben Gaddafi, u li filfatt, l-intimat kien effettivament hadu ghand Mutassim Gaddafi. Zied illi hu ma jisthix jghid li kien iltaqa' ma' Gaddafi meta kien fil-politika, izda qatt ma ltaqa' mieghu, jew ma' xi hadd minn uliedu, fuq il-kwistjoni meritu ta' dawn il-proceduri. Qal li hu kien mar fl-ufficju tan-National Holding Company, izda ma jafx din il-kumpanija ta' min hi.

**Ri-prodott** a fol 84 *et seqq* xehed illi m'huwiex minnu li l-arlogg li kien inghata bhala rigal huwa tad-ditta Rolex, u sostna li filfatt jiswa biss €200. Innega wkoll li qatt ghamel xi

arrangament sabiex xi hadd ilaqqu' mat-tfal ta' Gaddafi.

**In kontro-ezami** a fol 85 *et seqq* xehed illi huwa minnu li Gaddafi jew it-tfal gieli issemmew, izda ma kienx sar ftehim biex jiltaqa' maghhom. Innega li hu beda jaghmel ostakoli mal-Ambaxxata Libjana sabiex ma tinharigx il-visa tal-intimat, u qal illi filfatt lanqas biss jaf lil xi hadd fl-Ambaxxata, u li ma kienx jaghmel sens li jaghmel dan l-ostakolu meta hu kien hallas il-flus lill-intimat biex jirregistralu kumpanija. Cahad illi hu kien gabar xi dokumenti minghand l-Ambaxxata minflok l-intimat.

**In ri-ezami** a fol 86 xehed illi l-intimat qatt ma qallu li kellu xi problemi bil-visa biex imur il-Libja.

**Darren Vassallo La Rosa** xehed a fol 46 *et seqq* illi George Gatt kien introducih mal-intimat u xi persuni ohra fil-Libja. Qal li b'kollox huwa kien attenda erba' laqghat, tnejn Malta, u tnejn il-Libja. Qal illi l-intimat kien wieghed illi kien ser jirregistra kumpanija fil-Libja, u minkejja li kien gie mhallas biex jaghmel dan minn George Gatt, r-registrazzjoni ma sehhitx. Vassallo La Rosa xhed li hu kien *sub-contractor* fis-sengha ta' *luce eletrica* u fil-*finishes* u l-ghan kien jibda jahdem fil-Libja. Qal ukoll illi l-intimat kien gie moghti terminu ta' tmien gimghat, li kien gie estiz bi ftit gimghat ohra. Spjega li waqt it-tieni laqgha li sehhet Malta, l-intimat kien qalilhom li r-registrazzjoni kienet saret izda li kellu bzonn estensjoni ta' tliet gimghat sabiex jifinalizza d-dokumentazzjoni necessarja. Kompla li pero kienu skoprew li ma kien minnu xejn li kienet saret din ir-registrazzjoni, u ghalhekk kien ikkonfrontaw lill-intimat sabiex juri prova b'dokumentazzjoni ta' din ir-registrazzjoni, illi qatt ma kienu waslu. Qal illi l-intimat qatt ma kienu qallu x'ghamel bil-flus li kien inghata sabiex jirregistra l-kumpanija msemmija. Mistoqsi ghalfejn is-socjeta rikorrenti ma kienetx sempliciment inkorporat il-kumpanija hi stess waqt li kienet il-Libja galadarba, skont hu, dan il-process jiehu biss erbgha u ghoxrin siegha, spjega illi s-socjeta rikorrenti kellha bzonn lill-intimat biex jintroducihom ma' kumpanija ta' kostruzzjoni li kienet tappartjeni lill-Gvern Libjan. Tali tip ta' introduzzjoni kienet krucjali biex tinkorpora kumpanija fil-Libja. Xehed illi s-socjeta rikorrenti kienet hallset erbatax-il elf ewro (€14,000) lill-intimat, li kien tahom dokument li ma kienux jafu xi jfisser ghaliex kien miktub bl-Gharbi. Dan id-dokument illum il-gurnata jinsab fil-pussess ta' George Gatt.

**In kontro-ezami** a fol 53 *et seqq* u a fol 56 *et seqq* ikkonferma li hu kien mar il-Libja flimkien ma' George Gatt u l-intimat, u zied li kienu zaru l-ufficji ta' Kumpanija ta'

Kostruzzjoni tal-Gvern. Innega illi marru l-ufficju ta' Mutassim Gaddafi u qal illi qatt ma ltaqa' mieghu. Ikkonferma pero illi l-intimat kien weghdhom li kien ser johodhom fl-ufficju ta' Mutassim Gaddafi fi Tripoli, u dan sabiex ikollhom "*shortcut*" ghar-registrazzjoni tal-kumpanija. Mistoqsi ghalfejn kien involut f'dan in-negozju, **xehed illi hu kien hareg sebghat elef ewro (€7,000) mis-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) li kienet thallset lill-intimat**. Qal illi huwa m'ghamel l-ebda verifiki fir-rigward tal-intimat, izda qghad biss fuq il-kelma ta' George Gatt. Mistoqsi kemm kien ilu jaf lil George Gatt wiegeb li kien ilu jafu snin, u li missieru kien ilu jafu hajtu kollha.

**Il-Perit Anthony Muscat** xehed a fol 66a *et seqq* illi huwa jaf liz-zewg partijiet peress illi s-socjeta rikorrenti hija wahda mill-akbar kuntratturi f'Malta u lill-intimat kien ilu jafu xi tnax -il sena ghaliex kien jahdem ma' wiehed mill-klijenti tieghu. Spjega li hu kien jaf li l-intimat kien gej u sejjer il-Libja u darba minnhom l-intimat kien avvicinah u talbu sabiex isiblu kuntrattur Malti ghaliex kien hemm cans tajjeb li jista' jkun hemm xi xoghol il-Libja. Ghalhekk hu kien informa lil George Gatt b'dan meta kien l-ufficju tieghu. Kompla li ghalhekk hu kien laqqa' lill-partijiet u l-intimat kien offra s-servizzi tieghu sabiex jghin lil George Gatt isib xi kuntratti l-Libja u dan tramite habib Libjan tieghu li jismu Ali Aswad. Xehed li ghalhekk kienu siefru flimkien il-Libja u kien iltaqu' ma' Aswad f'ufficju waqt laqgha nformali. Spjega illi biex tkun tista' tahdem il-Libja, trid tifforma kumpanija, u Aswad kien qal li seta' jghaddilhom ix-xoghol wara li jsir dan. Kompla illi biex tkun tista' tirregistra kumpanija fil-Libja, trid taghmel investiment finanzjarju sostanzjali, u l-ideja kienet illi s-socjeta rikorrenti tkun tista' tevita dan, jekk il-kumpanija ta' Aswad tghaddilha x-xoghol. **Qal illi l-Libjani ghalhekk kienu tawhom dokument li kien *bill of quantities* ghal bini ta' triq, u huma kien gew lura Malta.**

Xehed illi pero meta l-periti ippruvaw jimlew il-*bill of quantities,* irrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet ghaliex ma kellhom ebda specifikazzjonijiet, kif inhu normali, u ghalhekk fl-opinjoni tal-periti ma kienx dokument konklussiv. Ghalhekk ma setghetx issir l-istima kif suppost. Spjega li kienet saret laqgha ohra ghall-liema kienu attendew ix-xhud, George Gatt u l-intimat, u meta Gatt qal li kien jaf li biex ikun jista' jahdem il-Libja ghandu bzonn jinkorpora kumpanija, l-intimat kien qallu li hu seta' jghinu biex jaghmel dan ghal hlas, u dan billi jipprepara d-dokumentazzjoni kollha u Gatt kellu biss jiddeposita l-flus necessarji. Qal illi l-hlas dovut lill-intimat li kien gie negozjat kien ta' erbatax-il elf ewro (€14,000), sabiex l-intimat jifforma l-kumpanija fil-Libja fi zmien disa' gimghat, u dan mill-20 t'Awissu 2010. Zied li dawn il-flus kienu thallsu dakinhar stess permezz ta' cekk. **Spjega li dawn l-erbatax-il**

**elf ewro (€14,000) kellhom ukoll ikopru l-ispejjez li kellu talvolta jinkorri l-intimat.** Xehed illi xi gimghat wara, kienu regu ltaqu' ghaliex l-intimat kellu xi problemi minhabba l-visa u Gatt kien tah estensjoni ta' xi hames jew sitt gimghat biex jaghtih izjed cans. Mistoqsi mill-Qorti, qal illi l-intimat ma kienx avukat u ma kienx jaf min kien ser ikopri l-ispejjez legali ghall-inkorporazzjoni tal-kumpanija.

**In kontro-ezami** a fol 66f *et seqq* u a fol 81 *et seqq* ikkonferma illi meta kienu marru l-Libja, kien gie ffirmat ftehim bejn is-socjeta rikorrenti u n-***National Holding Company*** (RMX1), li kienet rapprezentata fuq il-ftehim minn Amad Mohammed Abeid. Mistoqsi jekk jafx li din il-kumpanija kienet ta' iben Muammar Gaddafi, u cioe ta' Mutassim Gaddafi, xehed illi dak li kien jaf zgur, kien, li dan kellu influwenza kbira f'din il-kumpanija. Mistoqsi jekk huwiex difficli sabiex tinkorpora kumpanija gewwa l-Libja xehed illi milli sema' u ra hu, **hu kwazi mpossibli li tinkorpora kumpanija gewwa l-Libja**, **u din kienet wahda mir-ragunijiet ghalfejn is-socjeta rikorrenti riedet l-ghajnuna tal-intimat. Zied illi filfatt George Gatt kemm-il darba pprova jirregistra kumpanija gewwa l-Libja u ma kienx irnexxilu.** Ikkonferma illi Amad Mohammed Abied kien ta lil George Gatt, Rolex bil-wicc ta' Gaddafi stampat fuq l-arlogg u mistoqsi jekk jafx x'sinjifikat ghandu dan ir-rigal fil-kultura Libjana, wiegeb fin-negattiv.

Ikkonferma li d-doveri tal-intimat fil-konfront tas-socjeta rikorrenti kienu tnejn, u cioe illi jirregistra kumpanija ghal George Gatt gewwa l-Libja, u illi jressaq ufficjali ta' din s-socjeta' ma xi persuna vicin tat-tfal ta' Gaddafi biex jakkwistaw xi kuntratt. Ikkonferma wkoll illi effettivament kien sar kuntratt man-***National Holding Company***. Fir-rigward tal-inkorporazzjoni tal-kumpanija, u mistoqsi jekk jafx li wahda mill-problemi li kellu l-intimat kienet illi ma kienx qed jottjeni visa biex ikun jista' jmur il-Libja, wiegeb illi ma kienx cert, pero jaf illi kienet problema biex tottjeni visa sabiex tmur il-Libja.

**Arthur Tonna** xehed permezz ta' affidavit a fol 89 *et seqq* illi huwa jigu z-ziju tal-intimat, u jaf ukoll lil George Gatt. Spjega illi Gatt u l-Perit Anthony Muscat kienu urewh ix-xewqa li jirregistraw kumpanija l-Libja biex tahdem bhala kuntrattur fis-settur tal-kostruzzjoni, u li jersqu vicin ta wiehed mit-tfal ta' Muammar Gaddafi. Gatt xtaq li l-kumpanija tieghu tkun tahdem dirett ma' entitajiet governattiva fil-Libja, specjalment mal-entita *National Libyan Holdings*, u xtaq illi hu jsiblu persuna sabiex tassistieh. Xehed illi peress li kien jaf li n-neputi tieghu, l-intimat, kien ta' sikwit ikun il-Libja, kien ghamel laqgha bejnu, l-intimat, il-Perit Muscat, u George Gatt sabiex jaraw jekk l-intimat kienx dispost li jassisti lis-socjeta

rikorrenti. Qal li f'din il-laqgha kien gie miftiehem li kemm hu u kif ukoll il-Perit Muscat jippartecipaw f'kommissjoni fl-eventwalita ta' success da parti tal-intimat li jressaq lis-socjeta rikorrenti ma wahda mill-entitajiet kummercjali Libjani tat-tfal ta' Gaddafi. Xehed li ghalhekk kien saru diversi laqghat u l-intimat kien mar il-Libja kemm-il darba, a spejjez tieghu, sabiex jara kif kien l-ahjar mod li s-socjeta rikorrenti tidhol il-Libja.

Xehed illi darba minnhom kellhom laqgha l-Libja fejn, a sorpriza ta' kulhadd, kien irrizulta li George Gatt kien habib ma' persuna Libjana, izda minkejja hafna diskussjonijiet, ma kien immaterjalizza l-ebda progett. Xehed li wara xi zmien, l-intimat kien irnexxilu jirranga laqgha ma' ufficjali gholja tas-socjeta *National Libyan Holdings* li kien jaghmel parti minnha Mutassim Gaddafi, iben Moammar Gaddafi. Xehed illi huwa ma kienx attenda ghal din il-laqgha, pero wara kien gie nformat illi waqt il-laqgha, kien gie ffirmat ftehim ta' kummissjoni ta' 7% ma' Ammar Mohammed Abbeid li huwa l-Vice Chairman tal-istess entita, u li George Gatt u l-intimat kienu inghataw rigal ta' arlogg tal-idejn kull wiehed bi stampa ta' Gaddafi fuq wicc l-arlogg. Xehed li wara li gie ffirmat dan il-ftehim, is-socjeta rikorrenti kienet inghatat set ta' *tender documents* fuq xoghol ta' kostruzzjoni ta' toroq gewwa l-Libja, izda peress li kien ftit impossibli biex is-socjeta rikorrenti tiehu dan il-progett, kien harsu l-quddiem ghal xi kuntratt aktar accettabbli fil-futur.

Spjega li l-intimat kien dejjem izommhom informati b'dak li kien qed jigri, u zied li dak iz-zmien in-negozju l-Libja ma kienx normali, fis-sens li kollox kien jimxi bil-mod hafna, u l-affarijiet kapaci jinbidlu mill-llum ghal ghada. Xehed illi l-process ghar-registrazzjoni ta' kumpanija fil-Libja kellu jiehu hafna hin u flus, u kien ghalhekk illi kien sar ftehim bejn l-intimat u s-socjeta rikorrenti sabiex l-intimat jinghata somma flus li jkopru r-registrazzjoni tal-kumpanija u xi spejjez ohra tal-intimat. Qal illi l-intimat kompla jahdem pero eventwalment ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti kienet inbidlet mill-lejl ghan-nhar, tant li sar jaf illi kien hemm drabi fejn Gatt kien cempel direttament lill-partijiet Libjani minghajr ma nforma lill-intimat. Xehed illi darba minnhom hu, l-intimat u l-Perit Muscat kien sejri Tripli biex jiehu xi dokumenti necessarji ghar-registrazzjoni tal-kumpanija, li kellhom jingabru minghand l-Ambaxxata minn certa Rita li kienet tahdem fil-*Libyan Maltese Chamber of Commerce* sabiex hi tghaddihom lilhom qabel ma jsiefru, u dan ukoll bi ftehim ma' George Gatt. Qal illi pero din Rita kienet informathom li mill-Ambaxxata Libjana kienu qalulha li d-dokumenti kellhom jingabru personalment minghand Gatt, u dan minkejja illi l-intimat kellu prokura bil-mitkub minghand Gatt biex ikun jista' jigborhom hu.

Xehed illi f'dak iz-zmien, kienu nqalghu hafna ntoppi l-Libja li hadd ma kellu kontroll fuqhom, minhabba Ramadan, festi nazzjonali, problemi ta' visa, u dewmien biex titlesta t-traduzzjoni tad-dokumenti estensivi tas-socjeta rikorrenti. Xehed li barra minn hekk, l-intimat ma kienx inghata visa biex imur Tripli, u li hu kien prova jassistieh f'dan minghajr success. Qal illi hu jaf li l-intimat kien qed jaghmel hafna spejjez akkont tax-xoghol li kien qed jaghmel ghas-socjeta rikorrenti, u filfatt kien hemm darba minnhom fejn kien hallas ix-xhud stess, minn butu, s-somma ta' €304.78 ghal xi xoghol li sar ghas-socjeta rikorrenti mal-*Maltese Libyan Chamber of Commerce.*

**In kontro-ezami** a fol 227 *et seqq* u mistoqsi kif jaf illi Gatt kien qieghed icempel direttament il-Libja hu stess spjega illi kienu informawh f'dan il-Libjani

**Rita Abela** xehdet permezz ta' affidavit a fol 99 *et seqq* illi hija tahdem bhala segretarja fi haden il-Libyan Maltese Chamber of Commerce. Spjega li taf li l-intimat u Arthur Tonna kellhom xi negozju mas-socjeta rikorrenti, u kienu jigu minn zmien ghal zmien sabiex l-ufficju jaghmel xi traduzzjonijiet ghall-ilsien Gharbi. Xehdet li fl-2010 l-intimat kien hadilha l-ufficju pakkett dokumenti li jirrigwardaw is-socjeta rikorrenti sabiex jigu tradotti fl-Gharbi u sussegwentement jigu legalizzati. Ziedet li dan huwa process dettaljat li jiehu z-zmien, u l-intimat kien izur l-ufficju ta' sikwit sabiex jiccekja dwar il-progress u jiehu dokumenti li kienu nieqsa jew dokumenti addizzjonali mitlubin mill-awtoritajiet Libjani. Ziedet ukoll illi xi drabi kien imur minflok Arthur Tonna ghaliex l-intimat kien ikun indispost.

Xehdet illi f'circa Gunju jew Lilju tal-2010 kienu marru l-ufficju l-intimat u Tonna flimkien b'xi dokumenti ghat-traduzzjoni u legalizzazzjoni, u nformawha bid-data li kellhom bzonn li jkunu lesti biex ikunu jistghu johduhom maghhom il-Libja. Xehdet illi pero, meta kienet marret l-Ambaxxata biex tigbor id-dokumenti, kif kienet dejjem taghmel, ufficjal gholi kien irrifjuta li jaghtiha dawn id-dokumenti ghaliex ried jghaddihom personalment lil George Gatt peress li kien habib tieghu personali. Qalet illi wara hafna battibekki u telefonati, dan l-ufficjal kien fl-ahar accetta li jghaddilha dawn id-dokumenti biex b'hekk l-intimat u Tonna setghu immorru bihom Tripli dakinhar stess.

Qalet illi xi zmien wara l-intimat kien rega mar b'sett estensiv ta' dokumenti li qalilha li ried li jkunu lesti fi zmien gimghatejn ghax kien marbut b'data. Spjegat li hi kienet qaltlu li kien impossibli li jsir ix-xoghol kollu rikjest f'daqshekk qasir zmien, u filfatt kien damu aktar minn xahar sabiex lestewhom, minkejja li l-intimat kien il-hin kollu jaghmel pressjoni fuqhom u

jirrabja maghhom biex id-dokumenti jitlestew. Ziedet illi l-hlas dovut ghal dan ix-xoghol kien fl-ammont ta' €638.20, u dan skont fattura datat 24 ta' Novembru 2010. Xehdet illi xi ftit ta' zmien wara l-intimat kien qalilha li kellu problema ghaliex ma kienetx qed tinhariglu l-visa biex imur il-Libja. **Spjegat li kienet ivverifikat dan hi stess, izda hadd ma ried jghidlha x'kienet il-problema.**

**In kontro-ezami** a fol 186 *et seqq* u a fol 217 *et seqq* u mistoqsija jekk kienetx inghatat xi komunikazzjoni bil-mitkub mill-Ambaxxata fir-rigward tal-incident li ddeskriviet fl-affidavit taghha li minn naha tal-Ambaxxata kienu rrifjutaw li jghaddulha xi dokumenti, xehdet illi komunikazzjoni mal-Ambaxxata qatt ma jkun hemm bil-mitkub tant li sahansitra xi drabi lanqas ricevuta ma jkunu jridu jaghtuhom. Mistoqsija jekk kienx parti minn xogholha li taghmel verifika dwar visa, wiegbet fl-affermattiv u spjegat li parti mix-xoghol tal-*Chamber of Commerce* kien illi tiehu l-applikazzjoni ghal visa ghand l-Ambaxxata, u ziedet illi pero m'ghadhomx joffru dan is-servizz. Qalet li fil-bicca l-kbira ghal dan is-servizz kienu jkellmu lilha personalment, u bhala dokumentazzjoni kienu jitolbu l-passaport, kopja tal-visa u ritratti, li mbaghad kienu jghaddu lill-Ambaxxata.

**In re-ezami** a fol 195 *et seqq* ikkjarifikat illi r-rwol tac-*Chamber of Commerce* fir-rigward tal-visa kien sempliciment li tiehu l-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni necessarja ghand l-Ambaxxata.

**George Borg D'Anastasi** xehed permezz ta' affidavit a fol 102 illi huwa kellu kumpanija gewwa l-Libja bl-isem ta' *Al Ula Tourism & Logisitics Company* li kienet tassisti lil persuni sabiex jotjenu visa biex jidhlu l-Libja. Spjega illi l-intimat kien wiehed mill-klijenti ta' din il-kumpanija, u li anke Arthur Tonna kien uza s-servizzi taghhom. Xehed illi fl-2010 l-intimat kien mar biex jassistuh fl-ipprocessar ta' visa ghal Libja izda **minkejja l-fatt li kienu segwew il-procedura normali, din il-visa kienet giet rifjutata aktar minn darba.** Qal li eventwalment kellhom informazzjoni li kien hemm **xi ndhil minn ufficjali gholja** fl-ambaxxata Libjana hawn **Malta biex ma tinharigx il-visa tal-intimat**.

**In kontro-ezami** a fol 199 *et seqq* xehed illi id-*due diligence* fuq l-applikant ma kienetx issir mill-kumpanija tieghu izda kienet issir mill-Jawwazat li kien l-ufficju tal-passaporti. Spjega li huma kien jissottomettu l-applikazzjoni lill-Jawwazat, u jekk l-applikazzjoni kienet tigi approvata minn naha tal-Libja, il-Jawwazat kien johrog numru ta' referenza b'sitt figura. Spjega li fir-rigward tal-applikazzjoni tal-intimat, minna naha tal-Jawwazat kien inhareg in-

numru u ghaddiet ghand l-Ambaxxata, u kienet l-Ambaxxata li rrifjutat l-applikazzjoni ghal visa. Qal illi apparti minn hekk, parti mis-servizz offrut mill-kumpanija tieghu kien *meet and greet* meta jaslu l-Libja, u jwassluhom fid-destinazzjoni taghhom fil-Libja, u ghalhekk jaf bic-cert illi l-intimat qatt ma wasal il-Libja. Xehed illi minn naha taghhom, kienu staqsew kemm il-darba ghalfejn il-visa tal-intimat ma kienitx harget, u eventwalment xi hadd kien qalilhom kien hemm xi hadd li waqqaf l-applikazzjoni tal-intimat specifikatament ghaliex ma riedx li jinghata l-visa.

**Johann Sammut** xehed permezz ta' affidavit a fol 114 *et seqq* illi fl-2006 kienet bdiet hbieberija bejnu u George Gatt, il-Perit Anthony Muscat u Dr. Ayad Laswad, li kien persuna ta' certu portata kemm fil-Libja u kif ukoll Malta. Spjega li dak iz-zmien hu u Laswad kellhom kumpanija rregistrata Malta, u l-Perit Muscat kien talabhom biex jaghmlu kuntatti tajbin gewwa l-Libja biex klijenti tieghu ikunu jistghu jibdew jahdmu bhala kuntratturi gewwa l-Libja. Xehed li kienu ftehemu ghalhekk illi huma jiehdu kummissjoni mill-kuntratti tax-xoghol li kellhom jigu ggenerati bis-sahha tal-intrapriza taghhom. Kompla li ftit gimghat wara, l-Perit Muscat kien gabilhom kuntratt lest u ffirmat minghand is-socjeta rikorrenti, u hu u Dr. Laswad kienu ffirmawh fil-presenza tal-Perit Muscat fil-31 t'Ottubru 2006.

Xehed illi hu u Laswad bdew jahdmu immedjatament hekk kif gie ffirmat il-kuntratt, u hu kien ta' spiss imur il-Libja ghall-appuntamenti ffissati minn Dr. Laswad ghas-spejjez tieghu u minghajr qatt ma rcieva kumpens. Qal illi meta beda jara li qisu ma gara xejn, kien beda jaqta' qalbu, izda wara xi snin kien avvicinah iz-ziju tieghu Arthur Tonna, fuq insistenza tal-Perit Muscat, li nkoragieh jerghu jibdew jipprovaw isibu xoghol il-Libja ghas-socjeta rikorrenti. Qal illi kemm zijuh u kif ukoll il-Perit Muscat kienu tennewlu illi jekk ma jkellmux lil wiehed mit-tfal ta' Gaddafi, ma kienu ser jaslu mkien, u hu kien assigurahom li kien ser jaghmel dak kollu possibli. Xehed illi peress f'dan iz-zmien Dr. Laswad kien gie trasferit lura l-Libja u ghalhekk kien qed jghix hemm, ix-xhud kien rega beda jivvagja lejn il-Libja ta' spiss, a spejjez tieghu, biex jipprova jakkomoda lis-socjeta rikorrenti.

Spjega li fl-ahhar tas-sena 2009 hu u Dr. Laswad kien irrnexxilhom jirrangaw laqgha mas-sindku ta' Tripoli, li ghaliha kienu attendew hu, George Gatt, Arthur Tonna u l-Perit Muscat. Kompla li kienu mistaghgbin meta rrizulta li s-Sindku u George Gatt kienu jafu lil xulxin minhabba li kellhom xi relazzjonijiet kummercjali fil-passat. Zied illi minkejja l-kliem pero, l-ebda arrangament ma mmaterjalizza. Xehed li mbaghad, fil-bidu tas-sena 2010 Dr. Laswad kien ha posizzjoni gholji f'wahda mis-socjetajiet ta' Mutassim Gaddafi, wiehed mit-tfal ta'

Gaddafi, u kien inkoragih biex ikellem lil George Gatt peress li issa kienu f'posizzjoni li jghinu lis-socjeta rikorrenti. Qal li ma Gatt kien ftehim li jiffissa laqgha ma xi hadd mill-ufficju ta' Mutassim Gaddafi, jirregistralu kumpanija gewwa l-Libja sabiex din tkun tista' tikkuntratta u topera gewwa l-Libja u li jaslu ghall-kuntratt. Qal li huwa kien iffissa laqgha immedjatament, li kien saret ma' Ammar Mohammed Abbeid, u ghall-liema kienu attendew hu, Dr. Laswad, il-Perit Muscat, Darren La Rosa, George Gatt u l-*partner* tieghu. Spjega li din il-laqgha kienet damet xi saghtejn u kien gie ffirmat kuntratt fejn il-*Libyan National Holding* u s-socjeta rikorrenti, fejn din tal-ewwel dahlet bhala siehba mas-socjeta rikorrenti u s-socjeta rikorrenti kellha thallas kummissjoni ta' 7% lil *Libyan National Holding* ghal kull bicca xoghol fil-Libja introdotta minnha lis-socjeta rikorrenti. Zied li f'din il-laqgha hu u George Gatt kienu inghataw arlogg kull wiehed b'wicc Gaddafi fuqu, liema rigal kellu sinjifikat qawwi ta' hbiberija u ko-operazzjoni mill-Istat Libjan.

Xehed illi hu mill-ewwel beda jahdem sabiex tkun tista' tigi rregistrata kumpanija gewwa l-Libja, u peress li kien ser ikun hemm hafna spejjez involuti, George Gatt kien qallu li minn dak inhar il-quddiem l-ispejjez kienet ser tiehu hsiebhom is-socjeta rikorrenti. Ghalhekk fit-28 t'Awissu 2010 kienu ftehmu sabiex is-socjeta rikorrenti taghtih erbatax-il elf ewro (€14,000) ghall-ispejjez li kellhom jigu nkorsi minnhom. Spjega li kienu waslu ghal din il-figura wara li kkalkolaw ghaxart elef ewro (€10,000) ghar-registrazzjoni tas-socjeta Maltija gew l-Libja, tlett elef ewro (€3,000) ghall-ispejjez ta' vjaggi, akkomodazzjoni u traduzzjonijiet li kienu ghadhom ma sarux u €1,000 ghal dak li jista' jinqala`. Zied li huwa kien wissa lil Gatt li dan ma kienx ser ikun bizzejjed biex ikopru l-ispejjez kollha. Qal illi Gatt kien talbu sabiex jiffirmaw ftehim biex b'hekk ikun jista' jirkupra l-flus mis-socjeta rikorrenti, u kien hadlu skrittura lesta biex jiffirmaha. Qal li Gatt kien rabtu bi zmien li hu qatt ma qabel mieghu u Gatt kien jaf li t-terminu kien qasir wisq u mpossibli li zzomm mieghu. **Qal ukoll li f'dan iz-zmien kien gie wkoll moghti dokumenti dwar appalt mill-*Libyan National Holding*, izda dan l-appalt kien gie rrifjutat mis-socjeta rikorrenti ghaliex ix-xoghol kien kbir wisq ghaliha.**

Spjega li ghar-registrazzjoni tal-kumpanija, il-*Libyan National Holding* kienet talbet is-somma ta' 15,000 dinar Libyan, li huma ekwivalenti ghal circa €10,000, u elf dinar iehor bhala *registration fee* maghha stess. Qal li huwa kien hallas dawn il-flus, u ghandu ricevuta, ghalkemm Gatt qatt ma kien obbligah li jzomm l-ircevuti ghaliex kien jafdah bil-flus. Xehed illi huwa kien hallas ukoll is-somma ta' €638.20 ghal traduzzjonijiet li kien saru ghas-socjeta rikorrenti, u s-somma ta' €1,400 ukoll ghal traduzzjoni (Dok R). Qal illi huwa kien zborsa

ammonti ghal biljetti tal-ajru, visa u akkomodazzjoni, kif jidher mid-dokumenti mmarkati minn Dok J sa Dok Q. Qal li kien hemm ukoll spejjez li ma jistghax jikkwantifika bhal per ezempju spejjez ghal telefonati fissi u cellulari bejn Malta u l-Libja u vici-versa, li kellhom rati gholjin hafna.

Qal illi lejn l-ahhar t'Awissu 2010, ir-relazzjoni tieghu ma Gatt kien inbidlet u hu beda jhoss li Gatt kien qisu ried jehles minnu, tant li darba kien prova jmur Tripoli wahdu izda ma kienx thalla jidhol il-Libja. Qal li mbaghad kien gara li meta kien mar biex jigbor xi dokumenti minghand Rita Abela, din kienet informatu li ma kienx irnexxilha tigbor id-dokumenti necessarji mill-Ambaxxata peress illi kellhom struzzjonijiet minghand George Gatt biex id-dokumenti jigu rilaxxati lilu biss. Kien biss wara hafna xenati u telefonati ma' Gatt li kien irnexxilhom jiehdu d-dokumenti fil-hin u ma jitilfux it-titjira li kellhom. Qal li f'dan l-istess zmien Gatt kien beda jcempel lil Dr. Laswad minn wara daru u beda jikkwota prezzijiet ghal forniment ta' *cement* fil-Libja. Xehed li fl-istess zmien kien hemm bzonn li jsiru xi traduzzjonijiet mic-*Chamber of Commerce*, u Rita Abela kienu informatu li dawn kienu ser jiehdu tul ta' zmien. Qal li hu minn naha tieghu kien icemplilha kwazi kuljum, izda dawn kienu tlestew wara xahar meta z-zmien fil-ftehim imsemmi kien skada. Zied li dak iz-zmien ukoll ma bdietx tohroglu visa ghall-Libja, u meta kien staqsa dwar dan lil Ambaxxata kienu nformawh illi ma setghatx tohroglu visa aktar ghaliex xi hadd ma riedux jidhol il-Libja aktar.

**In kontro-ezami** a fol 146 *et seqq* xehed illi l-*breakdown* tas-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) kif spjegat fl-affidavit tieghu kien jaf bih George Gatt, u specjalment fir-rigward tas-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) din thallset meta kienu fl-ufficju ta' wiehed mit-tfal ta' Gaddafi sabiex tkun tista' ssir registrazzjoni ma' diversi istituzzjonijiet Libjana kien mehtieg. Mistoqsi kif iffirma l-kuntratt in kwistjoni meta fl-affidavit tieghu qal li hu ma kienx qabel mat-terminu mpost ta' disa' gimghat, xehed illi kien hemm hafna dewmien minn naha tas-socjeta rikorrenti biex tipproduci d-dokumenti necessarji ghar-regsitrazzjoni tal-kumpanija li kkawzat hafna xkiel fil-process. Qal li filfatt id-dokumenti finanzjarji, li kienu "*booklet"* kienu gew mghoddija lilu mis-socjeta rikorrenti xahar biss qabel ma skada l-ftehim, u wara kien mar bih ghand il-*Libyan Maltese Chamber of Commerce* sabiex isiru t-traduzzjonijiet necessarji. Ikkonferma li kien qal lil Gatt li l-ammont ta' zmien li kien gie moghti lilu ma kienx bizzejjed u izda Gatt kien qallu sabiex jaghmel l-ahjar li seta'. Mistoqsi ghalfejn iffirma l-kuntratt u ppregudika ruhhu jekk kien jaf li t-terminu koncess ma kienx bizzejjed, xehed illi meta ffirma, l-kuntratt bejn Gatt u *Libyan Holding Company Limited* kien diga ffirmat u Gatt kien assigurah illi kien ser jipprovdilu d-dokumenti kollha necessarji. Mistoqsi jekk kienx

hemm xi dokumenti ohrajn nieqsin apparti d-dokumenti finanzjarji msemmija, xehed illi kien jonqos ukoll ir-Representation Letter ohra minghand George Gatt li s-socjeta rikorrenti damet xi gimgha ohra sabiex tforni. Qal illi ghalhekk id-dokumenti kollu kien lesti biss xi xahar qabel ma skada l-kuntratt, u dawn damu xi xahar sabiex jigu tradotti. Mbaghad kien jonqos li jigu legalizzati, u ghalhekk kien lahaq skadilu z-zmien, u dan apparti li ma bediex jithalla jidhol il-Libja peress li xi hadd kien qed jaghmilu l-bsaten fir-roti mal-Ambaxxata Libjana. Mistoqsi ghalfejn kellu bzonn *representation letter* ohra spjega illi l-awtoritajiet Libjana hassew li l-ittra li kienet giet originarjament moghtija lilu mis-socjeta rikorrenti ma kienetx tatih il-poter li jirraprezenta lis-socjeta rikorrenti f'certu postijiet u ghalhekk kellu bzonn jinghata ittra aktar b'sahhitha. Mistoqsi jekk kienx ifakkar jew jghaggel lis-socjeta rikorrenti sabiex tforni d-dokumenti necessarji xehed illi kienet issir laqgha kwazi kull hmistax bejnu u Arthur Tonna, u George Gatt, xi drabi fil-presenza wkoll ta' bint George Gatt jew il-Perit Muscat. Qal li xi drabi kien ikun imsiefer, izda kien jghaddi informazzjoni lil Perit Muscat sabiex jghaddiha waqt il-laqgha, u ghalhekk ma hemmx korrispondenza bil-mitkub mas-socjeta rikorrenti, peress li kollox kien isir wicc imbwicc. Mistoqsi jekk kienx kiteb lis-socjeta rikorrenti rigward il-problema li kellu bis-safar lejn il-Libja meta kienu ghalqu d-disa' gimghat xehed illi ma kienx baghat korrispondenza bil-mitkub izda kien kellem lil Gatt tramite n-nies tieghu, izda Gatt ma riedx ikompli bil-hbiberija taghhom.

**Ikkonsidrat;**

Illi fir-rigward tal-isfond fattwali tal-kawza, jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti kienet ikkontrattat mal-intimat sabiex jaghmel ix-xoghol kollhu neccessarju biex tigi rregistrata a nom tas-socjeta rikorrenti kumpanija gewwa l-Libja, li tkun tista' tiehu progetti t'appalt fl-istess pajjiz. Skont is-socjeta rikorrenti, l-intimat kien persuna li kien imur il-Libja b'mod frewkenti u kien intiz fis-sistema tal-pajjiz. Kien ghalhekk illi tqabbad hu sabiex jaghmel dan ix-xoghol. Minn naha tieghu, l-intimat isostni illi filfatt huwa kien gie inkarigat originarjament meta kellu kumpanija hawn Malta flimkien ma' persuna Libjana b'kuntatti tajbin il-Libja, Dr. Laswad, sabiex isibu kuntatt ghas-socjeta rikorrenti. Filfatt din il-fazi tal-progett kellha ezitu posittiv, peress illi kien gie ffirmat kuntratt bejn is-socjeta rikorrenti u socjeta fil-Libja, il-*Libyan National Holding Company* fejn kien miftiehem illi s-socjeta rikorrenti thallas lil *Libyan National Holding Company* persentagg mill-profitti generati minn progetti li tkun ghadditilha l-*Libyan National Holding Company*. Jirrizulta illi wara dan, is-socjeta rikorrenti kienet inkarigat lill-intimat sabiex jaghmel ix-xoghol necessarju biex tigi rregistrata kumpanija fil-Libja peress illi dan kien rekwizit sabiex is-socjeta rikorrenti tkun tista' taghmel xoghol

t'appalt hemmhekk. Ghal dan il-ghan, is-socjeta rikorrenti ikkoncediet lil intimat il-perjodu ta' disa gimghat mid-data tal-kuntratt, u cioe mit-28 t'Awissu 2010, liema zmien kien gie estiz sas-27 ta' Novembru 2010. Permezz tal-istess kuntratt ukoll, is-socjeta rikorrenti kienet ghaddiet somma flus fl-ammont ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) lill-intimat ghall-ispejjez tar-registrazzjoni tal-kumpanija fil-Libja u biex jaghmlu tajjeb ghal spejjez ohra li talvolta setghu kellhom jigu inkorsi mill-intimat fl-espletar tal-inkarigu tieghu.

Illi jirrizulta u mhux kontestat illi l-intimat finalment ma kienx irrnexxilu jirregistra kumpanija gewwa l-Libja ghas-socjeta rikorrenti hekk kif kien gie kkontrattat. Dak li m'hemmx qbil dwaru huwa r-raguni ghal dan in-nuqqas. Skont is-socjeta rikorrenti, dan kien biss frott tal-intransigenza tal-intimat, li tilmenta illi l-intimat ma kienx qed izommha informata ta' dak li kien qed jigri. Minn naha tieghu, l-intimat jghid illi huwa ma kienx irnexxilu jirregistra l-kumpanija fil-hin moghti lilu l-ewwel nett ghaliex dan ma kienx terminu realistiku mill-bidu, u aktar u aktar ikkonsidrat illi s-socjeta ntimata kienet qed iddum ma tghaddilu d-dokumenti kopjuzi li kien hemm bzonn li jigu tradotti bl-Gharbi u legalizzati, u ukoll ghaliex George Gatt kien qed jaghmillu l-bsaten fir-roti tant illi minhabba indhil tieghu lanqas biss kien possibbli ghalih li jottjeni visa sabiex ikun jista' jidhol fil-Libja.

**Ikkonsidrat;**

L-ewwel punt li jrid jigi rizolt minn din il-Qorti huwa jekk l-intimat naqasx milli jwettaq l-obbligi assunti minnu ai termini tal-ftehim tat-28 t'Awissu 2010. Skont dan il-ftehim, l-intimat kellu jlesti l-procedura ta' registrazzjoni ta' kumpanija fil-Libja fi zmien disgha gimghat mid-data tal-kuntratt. Dan iz-zmien kien gie sussegwentement estiz sas-26 ta' Novembru 2010. Huwa pacifiku li l-ebda kumpanija ma kienet giet inkorporata fil-Libja ghan-nom tas-socjeta rikorrenti sa dan iz-zmien, u dan filfatt huwa ammess mill-intimat stess.

Illi l-Qorti tibda billi tirrileva illi mill-provi prodotti rigward il-process ta' registrazzjoni ta' kumpanija gewwa l-Libja, **l-Qorti tifhem illi dan il-process ma kienx wiehed illi dejjem u awtomatikament iwassal ghar-registrazzjoni ta' kumpanija.** Mill-provi jirrizulta illi dan kien jiddependi fuq numru ta' fatturi, u li, in partikolari, **kien hemm influenza politika kbira f'dan il-process**, **u li r-rekwiziti kienu kapaci jinbidlu minn jum ghall-iehor**. Xejn fil-provi ma jikkontradici din il-verzjoni tal-intimat, li anzi, mhux talli hija kkorroborata, talli jirrizulta mix-xhieda tal-**Perit Anthony Muscat illi George Gatt kien diga ttenta jirregistra kumpanija l-Libja diversi drabi, u kull darba giet irrijfutata r-registrazzjoni, ghaliex,**

**dejjem skont l-istess xhud, kien kwazi mpossibli li tigi inkorporata kumpanija fil-Libja**. Ghalhekk huwa car li s-socjeta rikorrenti kienet konxja illi ma kien hemm **ebda garanzija** li l-procedura ta' registrazzjoni maghmula mill-intimat kien ser ikollha ezitu favorevoli, u volontarjament hadet ir-riskju illi tizborsa l-ispejjez necessarja ghall-procedura ta' registrazzjoni minghajr garanzija li din il-procedura kienet ser twassal ghar-registrazzjoni effettiva ta' kumpanija gewwa l-Libja.

F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistghax ma tinnotax illi l-kliem uzati fil-ftehim ta' bejn il-partijiet ma kienx fis-sens illi l-intimat kien qed jintrabat illi effettivament jirregistra kumpanija fil-Libja ghas-socjeta rikorrenti, izda l-obbligu skont il-ftehim kien, illi huwa "*...complete the registration process...*" Il-Qorti tqis illi kkonsidrat illi George Gatt kien konxju illi l-iffinalizzar tal-process ta' registrazzjoni ma kienx jimporta garanzija tar-registrazzjoni effettiva ta' kumpanija gewwa l-Libja, il-kliem uzat kien ikun differenti li kieku l-obbligu tal-intimat kien proprju li effettivament jirregistrata tali kumpanija fil-Libja. Dan huwa car anke mid-dicitura tat-tieni klawsola tal-ftehim, skont liema "*When all the registration procedure is legally completed, Ritemix Gatt Bros. Ltd will open the necessary bank account required by Libyan Laws and regulations to register such a company in Libya."* Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan juri bic-car li l-kompitu tal-intimat ma kienx illi effettivament jirregistra kumpanija fil-Libja, izda illi jlesti l-procedura ghar-registrazzjoni, sal-punt fejn imbaghad ikun ghad baqa' illi s-socjeta rikorrenti tiftah kont bankarju gew l-Libja sabiex tkun tista' tigi effettivament irregistrata l-kumpanija. Ghalhekk jekk l-intimat adempjix jew le l-obbigi kontrattwali tieghu ma ddependix minn jekk effettivement gietx irregistrata kumpanija gewwa Libja, izda biss jekk huwa ikkompletax il-process ta' registrazzjoni sal-punt illi imbaghad sta ghas-socjeta rikorrenti tiftah kont bankarju gewwa l-Libja biex il-process jimxi. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota illi minn naha tas-socjeta rikorrenti ma giet prezentata ebda prova fir-rigward ta' liema stadju kien wasal il-process ta' registrazzjoni. Dak li huwa zgur hu illi l-intimat jidher li ghamel il-hlasijiet necessarji, u ssottometta d-dokumentazzjoni tradotta u legalizzata kif kien rikjest. Mhux car ezattament x'kien jonqos sabiex l-inkarigu tal-intimat ikun jista' jitqies li gie espletat, u galadarba hija s-socjeta rikorrenti li resqet din l-azzjoni a bazi tal-allegata inadempjenza kontrattwali tal-intimat, kien jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti l-oneru illi tressaq prova sodisfacjenti ta' dan, prova, illi s-socjeta rikorrenti naqset milli taghmel. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax pprovat illi l-intimat naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu kif allegat mis-socjeta rikorrenti.

Illi noltre, skont il-gurisprudenza, id-debitur jibqa' dejjem responsabbli ghall-adempjiment tal-

obbligi assunti minnu sakemm ma jirrizultax illi kwalunkwe inadempjenza kienet dovuta ghall-kawza estraneja, forza magguri jew kaz fortuwit, u mhux kagun ta' htija tieghu jew ta' terzi persuni imqabbdin minnu.[1]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Cance noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Frar 1953 intqal illi:

> "***Il-koncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhux meta ghall-hsara hu jkun ikkontribwixxa l-fatt, pozitiv jew negativ, tal-bniedem. Skond il-principji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwit mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-"bonus pater familias".***"

Fis-sentenza fl-ismijiet **George Bonnici noe vs Nicholas Ellul et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Frar 2005 gie spjegat illi:

> "***Huwa pacifikament assodat illi "l-kaz fortuwitu, il-forza magguri u l-istat ta' necessita` ma jehilsux mir-responsabilita` ghad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni".***
>
> ***Hemm din il-htija meta jkun hemm ksur ta' obbligu u ommisjoni volontarja ta' diligenza ghar-rigward ta' liema ma jigux previsti l-konsegwenzi ta' l-azzjoni jew ommissjoni proprja u jigi vjolat dritt ta' haddiehor minghajr rieda anki minghajr dan ma jigi previst.***"

Wara li gharblet bir-reqqa l-provi prodotti f'din il-kawza, ma jirrizultax lil din il-Qorti li kien hemm xi nuqqas ta' diligenza da parti tal-intimat. Jirrizulta anzi illi l-intimat ghamel l-almu tieghu sabiex jikkonsegwi ghas-socjeta rikorrenti ir-registrazzjoni ta' kumpanija gewwa l-Libja, izda ntaqa' ma ntoppi, il-htija ta' liema, zgur li ma tistghax tigi addebitata lilu. Il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta illi l-intimat kien qieghed jiehu hsieb li jipprezenta lill-Awtoritajiet Libjani id-dokumentazzjoni necessarja sabiex tigi registrata kumpanija il-Libja. Ghal dan il-ghan, kien qieghed jissottometti din id-dokumenazzjoni lil *Libyan Chamber of Commerce*

[1] Vide per ezempju **Albert Abela vs S. Mifsud & Sons Limited,** Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 23 ta' Ottubru 2001; **Noel Ellul noe vs Joseph Apps noe et noe,** Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 20 ta' Gunju 2002.

hawn Malta sabiex din tiehu hsieb it-traduzzjoni mehtiega, u tara li d-dokumenti jigu debitament legalizzati mill-Ambaxxata Libjana f'Malta. Mix-xhieda ta' Rita Abela, jirrizulta li l-intimat kien pro-attiv f'dan ir-rigward u kien ta' sikwit icempel u jaghmel pressjoni fuqhom sabiex ilestu t-traduzzjonijiet mill-aktar fis possibli. Il-Qorti tirrileva li l-verzjoni tal-intimat illi s-socjeta rikorrenti kienet iddilungat il-kunsinna tad-dokumentazzjoni rikjesta ghat-translazzjoni hija kredibbli u verosimili, u filfatt ma tinsabx kontrastata fil-provi. **Fil-fehma tal-Qorti din il-kunsinna tardiva tad-dokumenti da parti tas-socjeta rikorrent kienet xekklet il-process u kkawzat dewmien, il-htija ta' liema, zgur li ma tistghax tigi attriwbita lill-intimat.**

Apparti minn hekk, jinsab pruvat illi problema ohra li xekklet lill-intimat fl-adempjiment tal-inkarigu tieghu kienet illi eventwalment ma bdietx tinhariglu visa sabiex ikun jista' jmur il-Libja, nononstante illi kien ilu jmur il-Libja divesi drabi u qatt ma ltaqa' ma ebda problema ta' din it-tip. Il-Qorti taghraf illi ma giet prodotta ebda prova illi turi illi r-rifjut tal-visa Libjana lill-intimata kienet kagun ta' xi agir negligenti tieghu, u kkonsidrat illi l-intimat kien ta' sikwit imur il-Libja minghajr problemi ta' visa, il-Qorti tqis illi dan ir-rifjut jirraffigura ruhhu f'forza magguri peress illi kien imprevist u ghal kollox independenti mill-volonta tal-intimat, u li ma jidhirx li seta' jigi prevenut b'xi mod mill-intimat.

Illi ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, anke kieku kellu jigi accettat li l-intimat kien inademplenti fl-obbligi kontrattwali assunti mieghu, xorta wahda ma jistghax jinzamm responsabbli ghal din l-inadempjenza peress illi huwa car illi ma kienetx kagun xi nuqqas jew tort da parti tieghu.

Ghaldaqstant, l-ewwel talba tas-socjeta rikorrenti hija nfondata, u ma tistghax tigi milqugha, u konsegwentement lanqas ma jistghu jigu milqugha it-tielet, raba', hames, sitt u seba' talba tas-socjeta rikorrenti peress illi dawn jiddependu fuq l-ewwel talba.

**Ikkonsidrat:**

Illi fir-rigward tat-tieni talba tas-socjeta rikorrenti, il-Qorti tirrileva illi jirrizulta mhux biss mill-provi, izda anke mir-rikors guramentat stess, **illi l-ftehim in kwistjoni kien gie estiz mis-socjeta rikorrenti sas-27 ta' Novembru, elfejn u ghaxra (2010).** Ghalhekk, it-talba tas-socjeta rikorrenti sabiex l-intimat jigi ddikjarat responsabbli ghal kwalunkwe rapprezentazzjonijiet li seta' ghamel ma' terzi ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti wara t-30 t'Ottubru 2010, evidentement hija nsostenibbli u ma tistghax tigi milqugha, galadarba tinsab

kontradetta mill-premessi maghmula mis-socjeta rikorrenti stess fir-rikors guramentat taghha. Illi apparti dan, ma tressqet l-ebda prova mis-socjeta rikorrenti illi l-intimat ghamel xi rapprezentazzjonijiet ghan-nom taghha wara li gie terminat l-ftehim ta' bejniethom.

Ghalhekk it-tieni talba tirrizulta wkoll infondata u qed tigi michuda.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat, tichad it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**